MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Numru 340/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Keith Meilak, ta’ 21 sena, bin Roger u Rita nee’ Buttigieg, imwieled Amerika nhar id-09 ta’ Lulju 1986 residenti fil-fond Our Dream House, Guze Ellul Mercer Street, Nadur Ghawdex dententur tal-karta ta’l-identita’ numru 300598(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Keith Meilak li gie akkuzat talli fit-8 ta’ April 2008 u fis-snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:-

a. zamm lil xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-regolamenti ta'l-2006 dwar il-konservazzjoni ta'l-ghasafar selvaggi (A.L.79 ta'l-2006, kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti liema ghasafar ma kenux gew dikkjarati u registrati ma'l-Awtorita kompetenti sal-21 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kien inghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur (regolament 491)(e) ta'l-A.L. 79 ta'l-2006 hekk kif emendat bl-A.L.39 ta'l-2007 u l-A.L. 280 ta'l-2007)

b. zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsmemijin fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-regolamenti ta'l-2006 dwar il-konservazzjoni ta'l-ghasafar selvaggi (A.L.ta'l-2006) (regolament 4(1)(f) ta'l-A.L.79 ta'l-2006 hekk kif emendat bl-A.L.39 ta'l-2007 u l-A.L.280 ta'l-2007.

c. Kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti ta'l-2006 dwar il-konservazzjoni ta'l-ghasafar selvaggi (A.L.79 ta'l-2006) u li ma kenux gew irregistrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat (regolament 21(5) ta'l-A.L. 79 ta'l-2006 hekk kif emendat).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tat-13 ta' Novembru 2008.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-amissjoni ta'l-imputat kif ukoll l-fedina penali ta'l-imputat minn fejn jirrizulta illi huwa kien gie misjub hati ta' reat u dana fis-sena 2006.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat r-regolamenti 4(1)(e) u 4(1)(f) ta'l-Avviz Legali 79 ta'l-2006 kif emendat bl-Avviz Legali 39 ta'l-2007 u l-Avviz Legali 280 ta'l-2007, u r-regolament 21(5) ta'l-Avviz Legali 79 ta'l-2006, kif emendat bl-Avviz Legali 39 ta'l-2007 u l-Avviz Legali 280 ta'l-2007 issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ihallas multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250).

Il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokument KM esebiet fl-atti tal-kawza favur il-Gvern ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex tghaddi l-imsemmija esebieti lil Muzew Nazzjonali ta'l-Istorja Naturali gewwa Ghawdex jew Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------